MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 340/2010

**HSBC Bank Malta plc**

**-vs-**

**Neville Spiteri u martu Michelle Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta' April 2010 li permezz tiegħu s-socjeta' attriċi ppremettiet:

1. Illi fil-25 ta' Novembru 2008 ġiet liberata a favur tar-rikorrenti s-segwenti proprjeta', u ċjoe':

Il-*maisonette* jismu "El Shaddai" u l-garaxx sovrastanti, fi Triq Balaguer, Balzan, liema *maisonette* u garaxx huma mibnija fuq *plot* numru ħamsa (5) formanti parti mill-art "Tal Bosio" *sive* "Tal-Lazzarett", konfinanti mill-Punent ma' beni ta' Angcar Company Limited u mill-Lvant ma' beni ta'

Intown Estates Limited jew l-aventi kawża tagħha bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom, liema *maisonette* hija bl-arja tagħha, u kif soġġetta l-*maisonette* għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17) u dana bil-prezz komplessiv ta' ħamsa u ħamsin elf, u tlett mitt Ewro (€55,300) kif jirriżulta mill-anness dokument A;

2. Illi dina l-proprjeta' kienet tappartjeni lil Neville u Michelle konjuġi Spiteri u kienet u għadha okkupata u detenuta mill-istess konjuġi Spiteri – Dok. B – u dana abbusivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Illi s-socjeta' rikorrenti tixtieq tiżgombra lill-intimati mill-proprjeta' msemmija u għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex jagħmlu dan huma baqgħu inadempjenti;

4. Illi jeżistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta għall-eżenzjoni mis-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jġibu kontra din it-talba ta' żgumbrament u dana kif jirriżulta wkoll mill-anness affidavit dokument C.

Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qeda tiġi mitluba sabiex, għar-raġunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati qegħdin jokkupaw u jiddetjenu l-*maisonette* jismu "El Shaddai" u l-garaxx sovrastanti, fi Triq Balaguer, Balzan, kostruwiti fuq il-*plot* numru ħamsa (5) formanti parti mill-art Tal-Bozju *sive* Tal-Lazzarett, kif aħjar fuq deskritt, abbusivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

2. Tordna għalhekk, l-iżgumbrament tal-intimati mill-istess imsemmija proprjeta' u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra – inkluża dik għad-danni – spettanti lis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimati skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess;

Rat illi l-intimati ma dehrux;

Semgħet lill-Prokuratur Legali Catherine Fenech;

**Billi t-talbiet jirriżultaw, tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' sitt xhur.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-intimati.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------